**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta' Dicembru 2015**

Numru 17

**Rikors Guramentat Nru. 814/2015**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Mark Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tas-27 ta' Awwissu 2015 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti n-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 1 ta' Frar 2008 (Dok. "A" ) u permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Frar 2008 (Dok. "B") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji iii Mark Vella.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Mark Vella fis-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u erbgha u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€125,384,48) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Mark Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "D1 sa D2") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' April 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mark Vella;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura,
(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Mark Vella Ii jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Mark Vella gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Marzu 2014 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u tal-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mark Vella (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Mark Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

2. Tikkundanna lil Mark Vella jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u erbgha u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€125,384.48) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Mark Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "D1 sa D2") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' April 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Marzu 2014 (Dok. "E") kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Rose Cortis, rapprezentanta tal-legal office tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont huwa kollu dovut u ma imbidel xejn minn dakinhar li gietipprezentata l-kawza.

Mill-atti tal-kawza jidher illi l-konvenut naqas fl-obbligi tieghu fil-konfront tal-bank u l-ftehim milhuq mieghu u ghalkemm interpellat sabiex jikkonforma ruhu ma' dak miftiehem baqa inadempjenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-bank hu gustifikat fit-talbiet tieghu.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lil-bank attur l-ammont ta’ mija u hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u erbgha u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€125,384.48) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-istess konvenut skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' April 2015 sad-data taI-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur